

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Andrius KUBILIUS****Id-Difiża u l-Ispazju****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni taż-żgħażagħ?

X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, qiegħed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twertiq ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Ħajti ilha ddedikata għall-politika u għall-promozzjoni ta' interess komuni għal iktar minn dawn l-aħħar tliet deċennji. Dħalt fil-politika mill-qasam akkademiku tal-fiżika fl-1988, mal-mewġa ta' "Sajūdis" u l-istinkar paċifiku tal-poplu Litwan biex jerġa' jikseb il-libertà wara 50 sena ta' okkupazzjoni tal-Unjoni Sovjetika. L-għeruf ta' ħafna mill-valuri tiegħi nibtu minn dak iż-żmien ta' "Sajūdis", meta nbena mill-ġdid l-istat Litwan u reġa' lura fil-familja tad-demokrazzi Ewropej. Matul ħidmieti kollha fil-politika, minn dejjem kont Ewropew konvint. Is-sħubija tal-Litwanja fl-UE u fin-NATO hija eżempju ta' miraklu storiku – għenet biex tikkonsolida l-indipendenza u toħloq possibbiltajiet għal suċċess ekonomiku u soċjali eċċellenti. Għalhekk, jien konvint mis-setgħa trasformattiva bla preċedent tas-sħubija tal-UE u tan-NATO, li tista' terġa' tiġi ripetuta f'partijiet oħra tal-Ewropa.

Matul il-karriera politika tiegħi, qdejt dmirijeti f'karigi differenti ta' tmexxija politika, li ppermettewli nakkumula firxa rikka ta' għarfien, esperjenza u hili. Darbtejn qdejt dmirijeti bħala Prim Ministru tal-Litwanja (1999-2000 u 2008-2012). L-ewwel, fi żmien meta pajjiżi kien qed jiffaċċja kriżi ekonomika profonda (minħabba l-kriżi ekonomika Russa tal-1998), u t-tieni darba, matul il-kriżi finanzjarja globali tal-2008-2012. Permezz ta' riformi u ristrutturar li xejn ma kienu popolari iżda li kienu meħtieġa, kif ukoll permezz tal-assistenza effettiva mill-UE, il-Gvernijiet tiegħi mexxielhom jegħlbu dawn il-kriżijiet.

Mill-bidu nett tar-rivoluzzjoni ta' Maidan, stinkajt biex ngħin fil-konsolidazzjoni tal-appoġġ internazzjonali għall-Ukrajna. Fl-2022, bdejt in-network parlamentari globali "Magħqudin għall-Ukrajna" (U4U, United for Ukraine), sostenitur dinji għall-kawża tal-Ukrajna. Bħala President elett tal-Kummissjoni, Ursula von der Leyen saħqet fil-Linji Gwida Politiċi tagħha, "l-aqwa investment fis-sigurtà Ewropea huwa l-investment fis-sigurtà tal-Ukrajna." Min-naħa l-oħra, hemm bżonn li l-UE tkun lesta "għall-iżjed kontinġenzi militari estremi" (kif semmejt fl-Ittra ta' missjoni tiegħi). Għal dak l-għan, neħtieġu "riforma sistemika tad-difiża tal-Ewropa" (Ursula von der Leyen, GLOBSEC, it-30.08.24).

Minħabba l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, qed niffaċċjaw l-iżjed kriżi profonda tas-sigurtà fil-kontinent Ewropew mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. Iżda kriżi tagħtina opportunità. Kif qal Jean Monet fl-1957, l-Ewropa se tissawwar fil-kriżijiet u se tkun frott is-soluzzjonijiet kollha adottati għal dawk il-kriżijiet. Kif ġie indikat fil-Linji Gwida Politiċi — irridu noħorġu mill-kriżi attwali tas-sigurtà billi nagħtu ħajja lill-Unjoni Ewropea tad-Difiża.

Għalhekk, ir-responsabbiltà tiegħi, f'kollaborazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, u taħt il-gwida tal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazzi, se tkun li noħolqu kundizzjonijiet għall-industrija tad-Difiża u tal-Ispazju biex tippovdi biżżejjed mir-riżorsi meħtieġa sabiex din l-era l-ġdida tkun tista' ssir realtà. Fl-ewwel 100 jum tal-mandat, b'mod konġunt flimkien mar-Rappreżentant Għoli/mal-Viċi President, se nippreżentaw White Paper dwar il-Ġejjieni tad-Difiża Ewropea. Din il-White Paper se tippovdi qafas għall-approċċ il-ġdid rigward ir-rwol tal-UE fid-difiża, se tidentifika l-ħtiġijiet ta' investment tagħna, u t-triq lejn il-bini ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża reali.

F'ħidmieti, se nagħmel l-almu tiegħi biex nimplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politika tad-difiża u tal-ispazju. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nagħmel mill-aħjar biex nikkontribwixxi għall-

inizjattivi tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari għall-Istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2025.

Rigward iż-żgħażaġh, se nsegwi d-direzzjoni tal-Linji Gwida Politiċi fl-attivitajiet kollha tiegħi bħala Kummissarju, inkluż bl-organizzazzjoni u bil-parteċipazzjoni personali tiegħi fl-ewwel Djalogu annwali dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ rigward id-Difiża u l-Ispazju, u nara li jkun impenn annwali. Iż-żgħażaġh jagħtu prijorità lill-paċi u lis-sigurtà internazzjonali bħala t-tassib ewlieni. Meta nsawwar il-politiki fi ħdan il-portafoll tiegħi, se nqis il-feedback miż-żgħażaġh.

It-tmexxija responsabbli u l-istandards għoljin tat-trasparenza, tal-kondotta u tal-etika tal-politiċi huma ta' importanza kbira. Dejjem fittixt li jkolli kollox fil-beraħ, id-dikjarazzjonijiet tal-interessi tiegħi kienu aċċessibbli għall-pubbliku u dik relatata mal-ħatra tiegħi bħala Kummissarju għandha tiġi ppubblikata wkoll mill-Parlament Ewropew.

Fir-rigward tal-indipendenza, it-trasparenza, l-imparzjalità u d-disponibbiltà, se nsegwi l-kliem u l-ispirtu tat-Trattati tal-UE, se nikkonforma bis-sħiħ mal-obbligu tas-segretezza professjonali kif definit fl-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, se nonora l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u se naġixxi fl-interess Ewropew mingħajr struzzjonijiet. Inwiegħed il-lealtà lejn id-difiża u l-implimentazzjoni tat-Trattati tal-UE u li naġixxi minn pożizzjoni ta' newtralità u indipendenza għall-interess tal-Istati Membri individwali, inkluż dak li ppropona n-nomina tiegħi. Jekk fil-ġejjieni tinqala' sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali fit-twettiq ta' dmirijiet bħala Kummissarju, nieħu ħsieb ninforma lill-President elett von der Leyen mingħajr dewmien.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li inti responsabbli fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lest li tieħu fir-rigward tal-involvement u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri li għaddejjin, lest tipprovi informazzjoni u dokumenti f'waqthom lill-Parlament bl-istess mod bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Bħala Membru tal-Parlament Ewropew tal-imgħoddi u preżenti u bħala eks Parlamentari u Prim Ministru ta' pajjiżi, naf kemm huma importanti s-sorveljanza parlamentari u l-involvement mill-qrib mal-Parlament u naf xi jfisser li tirrappreżenta l-interessi taċ-ċittadini, minn reġjuni remoti tal-Unjoni Ewropea u minn pajjiżi li jinsabu qrib żoni ta' kunflitt.

Se naħdem mal-Parlament u mal-kumitati rilevanti fl-istadji kollha kemm tal-proċess tat-tfassil tal-politiki kif ukoll tad-djalogu politiku, inkluż billi nidher quddiem il-kumitati parlamentari kompetenti. Se nagħti wkoll struzzjonijiet lill-maniġment superjuri tas-servizzi tiegħi biex jagħti prijorità lill-istediniet mill-Parlament Ewropew fl-aġenda tagħhom. L-iżgurar li l-mistoqsijiet bil-miktub mill-Membri tal-Parlament Ewropew jitwiegħbu malajr u s-segwitu kif xieraq u fil-pront tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew jiffurmaw parti integrali minn dan l-impenn, flimkien mad-disponibbiltà tiegħi għal laqgħat bilaterali mal-Presidenti ta' dawn il-kumitati u mal-membri tagħhom. Barra minn hekk, se nagħti struzzjonijiet lill-kabinet u lis-servizzi tiegħi taħt ir-responsabbiltà tiegħi biex juru li lest li niddiskuti mal-Membri tal-Parlament Ewropew, mal-Gruppi Politiċi u mal-persunal u biex jiżguraw fluss regolari ta' informazzjoni fil-livell tekniku wkoll. F'konformità mal-linji gwida tal-President elett, se nkun disponibbli biex inwiegħeb għat-talbiet mill-Parlament Ewropew għal dibattitu fil-plenarja fil-format l-iktar xieraq.

Bil-ħsieb li jinstabu modi ġodda 'l quddiem u ideat biex intejbu l-vuċi taċ-ċittadini u tas-soċjetajiet ċivili fl-Unjoni Ewropea, se niżgura li jkun hemm segwitu xieraq għar-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa. Billi nuża l-esperjenza tiegħi fil-promozzjoni tan-networking internazzjonali, se nfitte b'mod attiv forum ġodda ta' networking u ta' kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili u mal-esperti indipendenti.

Biħsiebni nibni fuq il-prinċipji riflessi kemm fil-Linji Gwida Politiċi tal-President elett tal-Kummissjoni kif ukoll fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi billi nuża l-kultura tax-xogħol tiegħi ta' djalogu b'involvement regolari fil-kumitati parlamentari u fit-trilogi. Se nrispetta għalkollox il-prinċipju tat-trattament ugwali fir-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tal-2010 u tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Il-proposti leġiżlattivi ewlenin imsemmija fl-Ittra tal-Missjoni tiegħi, b'mod partikolari l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u l-Liġi Spazjali futura tal-UE se jkunu tappi importanti fil-ħidma inizjali tiegħi, mal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur. Barra minn hekk, kif imsemmi fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi, se nagħti importanza partikolari lit-tnejja ta' Rapport ta' Progress Annwali dwar l-Infurzar u l-Implimentazzjoni li se

jikkontribwixxi għat-tnaqqs tal-piż amministrattiv u tal-obbligi ta' rapportar għall-kumpaniji, li jrid jiġi indirizzat kemm lill-kumitat parlamentari kif ukoll lill-formazzjonijiet tal-Kunsill.

Konxju bis-sħiħ li l-portafoll tiegħi, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se jittratta oqsma sensittivi, li jkunu jeħtieġu diskussjoni f'format restrittiv. Is-sensittività mhux se żżommni milli nsib modi kostruttivi ta' skambju mal-Parlament Ewropew fi spirtu ta' fiduċja reċiproka.

Naqbel bis-sħiħ mal-wegħda tal-President elett li l-Parlament jingħata rwol iktar b'saħħtu fit-tnedija u fit-tiswir tal-leġislazzjoni u lest, f'konformità mal-linji gwida tagħha, li nwieġeb għar-riżoluzzjonijiet tal-Artikolu 225 tal-Parlament bi proposti leġislattivi b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet. Għal dan l-għan, se norganizza, fejn rilevanti, djalogu strutturat magħkom, biex niddiskuti kif nistgħu nibbutaw 'il quddiem kull riżoluzzjoni tal-Artikolu 225 li taqa' fil-mandat tiegħi li l-istituzzjoni tiegħek tista' tadotta, u se niżgura li l-Kummissjoni twieġeb għal dawn ir-riżoluzzjonijiet fil-ħin.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

3. Int ġejt f'dat bi rwol ġdid, li tikkontribwixxi għall-koordinazzjoni, fil-livell Ewropew, biex tinbena Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina. Kif biħsiebek tilħaq dak l-għan ambizzjuż matul il-mandat tiegħek? Kif tipprevedi t-tqassim tal-kompiti u l-komplimentarjetà tar-rwoli mal-Viċi President /Rappreżentant Għoli, fid-dawl tar-rwol ewlieni ta' dan tal-aħħar fil-PSDK, u mal-Viċi President Eżekuttiv nominat għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija? Mingħajr preġudizzju għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, xi jkunu l-prijoritajiet konkreti tiegħek f'termini ta' inizzjattivi leġislattivi, baġitarji u politiċi, inkluż dawk konġunti u l-oġettivi/l-għanijiet għall-portafoll tad-Difiża u l-Ispazju fl-immedjat, fi żmien medju u aktar fit-tul matul il-mandat tiegħek? X'inhuma l-isfidi ewlenin u kif tegħlibhom biex tilħaq dawk il-prijoritajiet u l-oġettivi, u kif biħsiebek tiffinanzjahom?

Fil-kuntest ġeopolitiku attwali kkaratterizzat minn bosta theddidiet kumplessi u li tant qed jevolvu, irridu nħaffu b'urġenza l-pass lejn Unjoni tad-Difiża Ewropea ġenwina. Għal dan l-għan, jeħtieġ nibdlu mill-qiegħ u nwettqu tiġdid sistematiku fid-difiża Ewropea, mingħajr preġudizzju għas-sovranità mhux ikkontestata tal-Istati Membri fil-qasam tad-difiża.

Fil-fehma tiegħi, biex titwaqqaf Unjoni tad-Difiża Ewropea jfisser li d-difiża tal-UE b'mod ġenerali trid tikseb qagħda stabbli ta' prontezza u tħejjija. L-UE u l-Istati Membri jridu jkunu jistgħu jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom, l-integrità territorjali, l-assi u l-infrastrutturi kritiċi tal-Ewropa, u l-valuri ewlenin u l-proċessi demokratiċi tagħna. Għal Unjoni tad-Difiża ġenwina se jkollna nistrieħu wkoll fuq Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) li tkun kompetittiva, innovattiva u reżiljenti. Għalhekk hemm bżonn sforzi konġunti, inkrementali u kostanti msejsa fuq għarfien komuni ta' x'inhuma l-ħtiġijiet u l-oġettivi tagħna.

Kif stabbilit mill-President von der Leyen fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni li jmiss, jeħtieġ infasslu approċċ ġdid u nidentifikaw il-ħtiġijiet tal-investment biex nibnu Unjoni tad-Difiża Ewropea reali. Għal dan l-għan, u jekk niġi kkonfermat, se nippreżenta White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea flimkien mal-Viċi President/mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, biex nġinu ħalli nsawru ambizzjoni Ewropea vera u niddefinixxu azzjonijiet proporzjonati. Nista' nantiċipa tliet assi ewlenin għad-diskussjoni. L-ewwel, Unjoni tad-Difiża Ewropea timplika governanza simplifikata u rabta sħiħa bejn ir-responsabbiltajiet u l-attivitajiet regolati skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-politika tad-difiża ewlenija u l-politika industrijali tad-difiża jridu jaħdmu id f'id. It-tieni, Unjoni tad-Difiża Ewropea trid tissejjes fuq analiżi komuni tat-theddidiet u l-perċezzjoni kondiviża tat-theddidiet. It-tielet, irridu nfakku l-impenn tagħna li nonfqu aktar, aħjar, flimkien u bil-mod Ewropew, inħaddmu għalkollox l-għodod u r-riżorsi eżistenti, u nikkunsidraw li nagħtu lilna nfusna r-riżorsi l-oħra li għad m'għandniex ħalli nilħqu l-oġettivi vitali tagħna.

F'dan l-isfond, l-aspetti tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni m'għadhomx jistgħu jinfatmu mill-politika industrijali tad-difiża tal-UE. Dawk inkarigati biex jimmonitorjaw it-theddidiet u jagħrfu l-ħtiġijiet korrispondenti jridu jikkoordinaw b'mod aktar effettiv ma' dawk li qegħdin fil-pożizzjoni li jattivaw il-programmi industrijali tagħna u r-riżorsi assoċjati. Din mhijiex biss kundizzjoni biex nirmexxu. Din hi l-qofol tal-missjoni tagħna. Bl-istess mod, il-ħidma fuq l-Unjoni tad-Difiża Ewropea trid tħalli l-frott ukoll fejn jidhru l-kompetittività u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża, kif ukoll għall-konsistenza fid-dimensjoni interna u esterna tal-azzjoni tas-sigurtà tagħna. Dan ifisser li biex nilħqu l-għanijiet komuni, il-Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju jrid jaħdem id f'id mal-Viċi President Eżekuttiv nominat għas-Sovranità, is-Sigurtà u d-Demokrazija tat-Teknoloġija u anki mar-Rappreżentant Għoli/mal-Viċi President tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà.

Din il-kollaborazzjoni se tkun ta' ġid ukoll biex jinħataf il-potenzjal kollu tal-programmi u tal-inizzjattivi spazjali tal-UE ħalli dawn jissodisfaw ċerti prijoritajiet ewlenin: is-sigurtà u d-difiża, ir-reżiljenza, it-tkabbir ekonomiku, it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Neħtieġu industrija spazjali soda u innovattiva – sakemm jirnexx ilna nissodisfaw il-ħtieġa urġenti tagħna ta' sistemi spazjali tal-UE mill-aktar avvanzati – li tkun kompetittiva,

diversifikata u kapaċi tiżgura n-nondipendenza tal-Unjoni: li tipprovdi teknoloġiji, soluzzjonijiet u proċessi industrijali ġodda u li twieżen l-evoluzzjoni tal-inizjattivi spazjali ewlenin tal-UE. Beħsiebni mmexxi 'l quddiem il-ħidma favur strateġija għall-ekonomija tad-*data* spazjali, insaħħaħ il-kompetittività tal-industrija spazjali tal-UE u nrawwem it-*tkabbir* ta' negozji ġodda u SMEs innovattivi.

It-tiftix għal sinerġiji se jkun naturalment fil-qalba tal-azzjoni tiegħi, u se nibda mid-difiża u l-ispazju. Filwaqt li nibnu fuq l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża, għandna nimmassimizzaw l-użu tal-ispazju għad-difiża u niproteġu l-assi spazjali tal-UE u tal-Istati Membri. Jekk niġi kkonfermat, se nagħti prijorità lill-iżvilupp u l-użu tas-servizzi spazjali b'appoġġ għad-difiża, inkluż lis-Servizz Pubbliku Regolat ta' Galileo u s-servizzi tal-konnettività sigura IRIS², kif ukoll is-servizz tal-Osservazzjoni tad-Dinja għall-utenti governattivi u tad-difiża. Biex tiżgura l-użu sigur u affidabbli ta' dawn il-programmi, l-Unjoni teħtieġ kapaċitajiet awtonomi, affidabbli u kosteffiċjenti fl-aċċess għall-ispazju. Se nimmira li niżgura li l-Ewropa ssaħħaħ is-sovrani tagħha fl-aċċess u fl-użu tal-ispazju billi nqawwi l-isforzi ħalli jkun żgurat aċċess awtonomu għall-ispazju, u anki b'diversifikazzjoni akbar u b'aktar kompetizzjoni fost il-fornituri Ewropej tas-servizzi tal-illanċjar.

Li niżguraw l-investment kemm fl-industrija tad-difiża kif ukoll fis-settur spazjali se jkun prijorità ġenerali ta' dan il-mandat, b'mod partikolari biex negħlbu l-isfidi li qed issib il-kompetittività tal-EDTIB. L-analiżi tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli ħarġet fid-dieher kwistjoni ewlenija: in-nuqqas ta' investment kroniku, u li kieku l-Istati Membri nefqu b'mod konsistenti 2% tal-PDG tagħhom fuq id-difiża bejn l-2006 u l-2020, kieku kienu jiġu allokat i EUR 1.1 triljun oħra għal dan l-għan. L-effettività tal-EDTIB hi kompromessa aktar bil-frammentazzjoni tas-suq, għax il-pajjiżi individwali tal-UE qed jippreferu jappoġġaw l-industrija tad-difiża domestiċi tagħhom, u dan qed iwassal għal produzzjoni fuq skala żgħira li tkun ineffiċjenti u mifruxa madwar l-Unjoni. Dawn il-frammentazzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni sottożviluppata huma evidenti fil-fatt li mill-bidu tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna sa Ġunju 2023, 75% tal-akkwisti fid-difiża tal-UE nkisbu minn barra l-UE. Barra minn hekk, it-*tkabbir* fl-infiq għad-difiża tal-UE naqas ġmielu meta mqabbel ma' potenzi dinjin oħrajn. Dan żdied biss b'19.7% bejn l-1999 u l-2021, filwaqt li ċerti pajjiżi bħall-Istati Uniti, ir-Russja u ċ-Ċina kellhom żidiet ferm aktar sostanzjali fil-baġits tad-difiża tagħhom tul l-istess perjodi.

Għad-difiża u għall-ispazju rridu niżguraw li nindirizzaw ċerti sfidi ġeopolitiċi u tas-sigurtà urġenti. Wieħed jista' jargumenta li l-ewwel triq hi li nakkumulaw ir-riżorsi ġo Proġetti Ewlenin ta' Interess Komuni għad-Difiża Ewropea. Jien konxju ferm li l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin tal-investment mhix se tkun komputu faċli fejn jidħlu t-tisħiħ tal-prontezza tagħna jew it-tisħiħ tal-kontribut Ewropew għan-NATO. F'dan ir-rigward, inħoss li huwa utli li nesploraw alternattivi għall-monitoraġġ tal-investimenti fid-difiża fil-livell tal-UE u li dan isir b'mod aktar strutturat, billi nibdew mill-indikaturi ppreżentati fl-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u li dawn ikomplu jiġu żviluppatti billi jiddaħħlu fil-programmi tal-governanza tal-UE u nazzjonali. Fiż-żmien medju, se jkollna bżonn ninċentivaw lill-Istati Membri biex jonfqu aħjar, flimkien, iżjed u bil-modi Ewropej. Kif imsemmi fil-Linji Gwida Politiċi tal-President eletta, l-ewwel komputu hu l-*ħtieġa* urġenti li nerrġghu nibnu, natrezzaw u nittrasformaw il-forzi armati nazzjonali – kif definit mill-Istati Membri.

Il-QFP li jmiss se jifihlna bibien ta' opportunitajiet importanti biex niżguraw l-akbar impatt tal-azzjoni tal-Unjoni għall-ispazju, biex il-baġit tal-UE jkun katalist ħalli jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE, u biex niproduvdu l-prevedibbiltà lill-investment privat u lill-investment pubbliku nazzjonali. Biex inkun spalla għal industrija spazjali soda u innovattiva, beħsiebni wkoll nislet tagħlimiet mill-CASSINI – l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tappoġġa lill-intraprenditorija spazjali.

Kif deskritt fil-Linji Gwida tal-President von der Leyen għall-Kummissjoni l-ġdida, se jiġi stabbilit Fond Ewropew ġdid għall-Kompetittività bħala kapaċità tal-investment li se tappoġġa lil setturi strateġiċi kritiċi għall-kompetittività tal-UE, inkluż l-ispazju. Jekk niġi kkonfermat, jien se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u l-Istrateġija Industrijali u l-Kummissarju għall-Baġit, il-Ġlieda Kontra l-Frodu u l-Amministrazzjoni Pubblika għal dan l-għan.

Fil-QFP li jmiss neħtieġu approċċ aktar ambizzjuż għall-finanzjament tad-difiża ħalli nappoġġaw il-kompetittività u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża.

Jekk niġi kkonfermat, se nikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-suq uniku billi noħloq suq uniku tad-difiża reali. Enfasi ewlenija se tkun fuq l-istandardizzazzjoni, inkluż l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-istandards militari tan-NATO, u l-konverġenza taċ-ċertifikazzjoni. Dan l-isforz se jkun jinvolvi l-promozzjoni tal-użu tal-istandards ċivili u tad-difiża miftiehma – bħall-iSTANAGs tan-NATO – fil-programmi industrijali tad-difiża tal-UE, u l-appoġġ lil attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni reċiproka rapida ħalli niżguraw l-interoperabbiltà u nnaqqsu l-ostakli għad-dħul fis-suq tal-prodotti tad-difiża madwar l-UE. Barra minn hekk, lil hinn mir-rieżami tad-direttivi dwar it-trasferiment tal-prodotti relatati mad-difiża u l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, jeħtieġ li naħsbu fuq kif se ntejbu l-aċċess għas-suq lill-kumpaniji kollha, fuq aktar kooperazzjoni transfruntiera mingħajr skossi, u fuq aktar sigurtà tal-provvista. Apparti dawn, jekk niġi kkonfermat, fl-ewwel nofs tal-2025 se naħdem mal-membri l-oħra tal-Kulleġġ biex nippreżenta Liġi Spazjali tal-UE li twitti t-triq għal suq uniku tal-ispazju. Din se trawwem il-kompetittività

tal-industrija spazjali tagħna, se toħloq aktar opportunitajiet tan-negozju, u se tissimplifika l-ħajja tal-kumpaniji spazjali tagħna.

Nemmen bis-sħiħ li b'impenn kontinwu mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, bħall-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-Istati Membri, l-industrija, il-komunita tar-riċerka, u l-opinjoni pubblika usa', nistgħu niżguraw il-parteċipazzjoni u nsawru l-konsensus tant meħtieġ biex nappoġġaw aġenda ambizzjuża għall-industrija Ewropea tad-difiża u tal-ispazju.

4. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna reġgħet ġabet gwerra fuq skala kbira lejn il-kontinent Ewropew. Bħala l-ewwel Kummissarju tal-UE għad-Difiża u l-Ispazju bi rwol ewlieni li tistabilixxi Unjoni Ewropea tad-Difiża u White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea, x'se jkunu l-prijoritajiet tiegħek biex tappoġġa lill-Istati Membri fir-riġenerazzjoni tal-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej fl-immedjat, fi żmien medju u aktar fit-tul biex tiżgura s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE? F'dan ir-rigward, tista' tagħti xi eżempji ta' inizjattivi li l-Kummissjoni tista' tiżviluppa u li se jkunu koerenti mal-ħtiġijiet definiti mill-Viçi President /Rappreżentant Għoli u mill-Istati Membri, u f'konformità mal-impenni tad-dikjarazzjoni ta' Versailles?

Nemmen bis-sħiħ li rridu nkunu kapaċi nimlew mill-ġdid il-ħażniet tad-difiża nazzjonali u natrezzaw lill-forzi armati tal-Istati Membri b'dak li hu meħtieġ biex inkunu kapaċi naffaċċjaw l-aktar kontinġenzi militari estremi. Dan ifisser li jrid isir investment qawwi għal riġenerazzjoni tal-kapaċitajiet tad-difiża tagħna u li dan nagħmluh bl-aktar mod effiçjenti.

Biex nindirizzaw dawn il-ħtiġijiet kritiçi, hemm żewġ sfidi distinti f'perjodi taż-żmien differenti. Fl-immedjat irridu nsaħħu b'urġenza l-prontezza tal-UE għal xenarju ta' aggressjoni militari possibbli. Fl-istess ħin, irridu nippjanaw għaż-żmien medju u għal aktar fit-tul, filwaqt li nagħrfu li fid-deċenni li ġejjin, l-Istati Uniti aktarx li jnaqqsu l-preżenza tagħhom fid-difiża Ewropea biex ikunu jistgħu jiffokaw fuq l-isfida strateġika li tirrappreżenta ċ-Ċina. Dawn l-isfidi binarji jenfasizzaw l-importanza li l-UE ssaħħa malajr l-awtonomija u l-kapaċitajiet tad-difiża tagħha, u li tiżgura li l-Unjoni tkun tista' tiproteġi b'mod effettiv l-interessi u s-sigurtà tagħha f'xenarju dinji dejjem aktar kumpless.

Barra minn hekk, nemmen li fl-immedjat jeħtieġ nibqgħu nappoġġaw ir-riċerka u l-iżvilupp fid-difiża permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF). Jeħtieġ ukoll inkomplu nimplementaw iż-żewġ strumenti ta' emerġenza tagħna, ir-Regolament dwar l-istabiliment ta' strument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz tal-akkwist komuni (EDIRPA) u r-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP).

Iżda biex fl-UE tiżdied ġmielha d-domanda aggregata u tiżdied il-produzzjoni industrijali tat-tagħmir tad-difiża konvenzjonali, jeħtieġ isir ħafna aktar, bl-eqreb koordinazzjoni possibbli mal-Istati Membri, inkluż li: (i) jitrawwem skambju xieraq tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE, l-UE u n-NATO dwar l-istatus kwantitattiv attwali tar-riżorsi u tal-ħtiġijiet tad-difiża, li eventwalment jista' jissarraff fi pjan dwar il-produzzjoni industrijali tad-difiża tal-UE ħalli l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) ikunu allinjati u ottimizzati mal-ħtiġijiet tas-sigurtà kollettiva tal-Istati Membri tal-UE u tal-Alleati tan-NATO b'mod ikkoordinat u effiçjenti; (ii) jiġu esplorati alternattivi mal-Istat Membri għal kumulazzjoni konġunta tar-riżervi skont il-kriterji tas-sigurtà militari tal-UE, u għal monitoraġġ tal-indikaturi tal-UE dwar il-bini tal-kapaċitajiet u l-investimenti tal-industrija tad-difiża li jistgħu jiġu inkorporati fil-programmi nazzjonali; (iii) jitħeġġeġ l-akkwist konġunt permezz tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) li jmiss ħalli nakkumulaw id-domanda u niksbu prezzijiet aħjar .

Għalhekk, se nimpenja ruħi mal-Parlament u mal-Kunsill għall-adozzjoni malajr tal-EDIP u għal dan l-għan se nkun qed nistrieħ fuq l-appoġġ vitali tagħkom.

Se nistrieħ fuq l-appoġġ tagħkom ukoll fil-proçess biex il-Mobbiltà Militari tinbidel f'riżorsa loġistika militari komprensiva. Dan hu proçess li fost l-oħrajn jeħtieġ investimenti sinifikanti fl-infrastruttura tal-mobbiltà militari, u t-tneħħija tal-konġestjonijiet regolatorji għal din il-mobbiltà. Irridu nsaħħu l-kapaċitajiet tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru u nżidu l-investment fl-infrastruttura loġistika fil-portijiet, fl-ajruporti, fis-sistemi ferrovjarji, fil-passaġġi fuq l-ilma u fit-toroq. Fir-rigward ta' dawn l-aspetti tal-mobbiltà militari, jekk niçi kkonfermat, se nikkollabora mill-qrib mal-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu. Barra minn hekk, jeħtieġ niżviluppaw l-infrastruttura meħtieġa, inkluż id-diġitalizzazzjoni, il-monitoraġġ tal-flussi, u s-sistemi tal-ottimizazzjoni tal-merkanzija, niffaċilitaw il-moviment rapidu tat-truppi u tat-tagħmir bejn il-fruntieri, filwaqt li nnaqqsu sostanzjalment il-ħin meħtieġ għall-iskjerament ħalli nsaħħu bil-kbir id-difiża kollettiva u l-prontezza operazzjonali tagħna.

Dawn il-miżuri jappellaw għal tisħiħ tal-mobbiltà militari billi jitneħħew l-ostakli kollha.

Jeħtieġ inkunu nistgħu niprovdur kapaċitajiet ġodda tad-difiża għall-forzi armati tal-Istati Membri tagħna. Jeħtieġ ikollna mezzi suffiçjenti biex niffokaw fuq l-akbar theddidiet komuni u transfruntieri. Dan jirrikjedi investment

Ewropew fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Iżda se nagħmlu wkoll proposti għal ħtiġijiet urġenti ta' investiment fid-difiża.

Minbarra dan, irridu wkoll nesploraw alternattivi, li jistgħu jinvolvu taħlita ta' finanzjament fil-livell tal-UE, ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali, u ta' soluzzjonijiet tal-finanzjament innovattivi li jinċentivaw l-investiment tas-settur privat fil-kapaċitajiet tad-difiża f'ċerti oqsma ta' prijorità, bħat-tarka Ewropea għad-difiża tal-ajru, iċ-ċiberdifiża, il-mobbiltà militari, jew it-teknoloġiji tad-droni.

L-azzjoni futura tagħna f'dawn l-oqsma ta' prijorità se jkollha tiġi ddefinita b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, bl-involviment sħiħ tal-Istati Membri, li fl-aħħar mill-aħħar se jkunu huma li jiddeċiedu liema prijoritajiet għandhom jiġu indirizzati l-ewwel. Dan se jkun kruċjali biex tkun żgurata tranżizzjoni bla intoppi lejn qafas sod għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża Ewropea.

5. Int ingħatajt il-kompitu li tippreżenta (b'kooperazzjoni mal-Viċi President/Rappreżentant Għoli) il-White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea diġà fl-ewwel 100 jum tal-mandat tiegħek, u permezz ta' dan il-proċess, ingħatajt struzzjonijiet biex tikkontribwixxi għal viżjoni u ambizzjoni komuni mal-Kunsill, il-Parlament, il-pubbliku u partijiet ikkonċernati oħra u biex issaħħaħ is-sħubija bejn l-UE u n-NATO. Kif se tinvolvi ruħek b'mod proattiv u effettiv mal-Parlament Ewropew, mill-aktar stadji bikrija fil-proċessi tal-elaborazzjoni u l-iżvilupp tal-White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea u ta' inizzjattivi oħra fil-qasam tar-responsabbiltà tiegħek sal-operazzjonalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom (inkluż għat-tnejnija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss)? B'rabta ma' dan, tista' tipprovdi dettalji dwar kif biħsiebek: iżomm skambji regolari tal-fehmiet fil-Plenarja u mal-kumitati rilevanti; tiżgura 'djalogu strutturat' u l-preżenza ad hoc tiegħek fl-immedjat f'każ ta' avvenimenti sinifikanti jew żviluppi maġġuri; tiżgura li l-pożizzjonijiet tal-Parlament jitqiesu kif xieraq fil-proposti tal-atti legali u l-komunikazzjonijiet u l-istrateġiji tal-UE; tiżgura li l-Parlament jirċievi informazzjoni rilevanti u dokumenti b'rilevanza għall-portafoll tiegħek, inkluż dawk kondiviżi mal-Kunsill, u li l-kumitati rilevanti jiġu infurmati minnufih u bis-sħiħ, bil-miktub u bil-fomm; u tiżgura li matul il-laqgħat bil-maġħluq il-Parlament tingħata informazzjoni pertinenti u rilevanti mhux pubblika?

Il-President eletta inkarigatni, flimkien mar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Viċi President nominat tal-Kummissjoni, biex naħdem fuq White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea, speċjalment biex tnedi dibattitu mal-pubbliku, mal-partijiet ikkonċernati, mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill ħalli jinstab konsensus dwar approċċ għid u komuni għad-difiża fl-UE. Il-White Paper li se tiġi ppubblikata fl-ewwel 100 jum tal-mandat tal-Kummissjoni, se tkun il-punt tat-tluq u se titfassal bi proċess li jinvolvikom fi stadju bikri billi jinħolqu għadd ta' perkorsi possibbli u tinstab it-triq 'il quddiem.

Kif fakkret il-President eletta, biex niddefendu lill-Ewropa rridu li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE lkoll jiġbdu ħabel wieħed flimkien. U d-difiża tal-Ewropa tisser il-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej. L-istħarriġ postelettorali tal-UE juri li d-difiża u s-sigurtà tal-UE huma waħda mis-seba' prijoritajiet li ħeġġew liċ-ċittadini jivvutaw. Bil-kontribut tal-istituzzjoni tagħkom, iċ-ċittadini Ewropej se jkollhom vuċi ġenwina fil-kwistjonijiet tad-difiża, li mhumiex u m'għandhomx ikunu l-monopolju tal-Istati Membri u tal-esperti militari. Il-White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea se tkun l-opportunità tad-deheb biex ninvolvu ruħna f'dibattitu pubbliku wiesa' dwar x'hemm bżonn biex ikollna l-prontezza tad-difiża.

Beħsiebni naħdem id f'id mal-Parlament Ewropew, b'rispett sħiħ lejn ir-rwol importanti tal-Istati Membri bħala dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet sovrani dwar il-kwistjonijiet tad-difiża. Intom se tkunu mistiedna tikkontribwixxu għal dan il-proċess billi tippreżentaw il-fehmiet tagħkom dwar id-direzzjoni li għandha tiegħu d-difiża Ewropea. Ir-rapporti annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u tas-Sigurtà Komuni u tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni huma opportunità għal kontribut effettiv għall-proċess tat-tnejnija tal-White Paper.

Jekk niġi kkonfermat, inkun onorat li nippreżenta l-White Paper fil-Plenarja biex flimkien inwittu t-triq għal djalogu intensifikat fil-livell tal-kumitati tal-Parlament Ewropew dwar il-materji tad-difiża.

Il-pubblikazzjoni tal-White Paper se tkun biss il-bidu ta' vjaġġ komuni biex niddefinixxu l-viżjoni komuni tagħna. Tistgħu lkoll isserrfu raskom, li jekk niġi kkonfermat Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju, se niżgura kooperazzjoni effettiva u ferm aktar soda mal-Parlament.

Se naħdem maġħkom ukoll fir-rigward tas-sħubija bejn l-UE u n-NATO, u se nistinka biex inkompli niżviluppaha b'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/mal-Viċi President nominat u b'rispett sħiħ lejn il-prinċipji tal-inklużività, ir-riċiproċità u l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, filwaqt li nirrispetta n-natura speċifika tal-politika tas-sigurtà u tad-difiża ta' kull wieħed mill-Istati Membri.

Konvint li l-Unjoni Ewropea għandha valur miżjud uniku biex tikkomplimenta l-isforzi tal-Istati Membri u tan-NATO fil-qasam tad-difiża. Jien se nibni fuq l-istrumenti distintivi tal-UE, jiġifieri l-baġit u l-kapaċità regolatorja

tagħha, u fuq l-assi spazjali, li jistgħu jintużaw biex jappoġġaw lill-Istati Membri u lin-NATO fl-iżvilupp ta' riżorsi kritiċi tad-difiża. Dan kollu għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol ewlieni tan-NATO fid-difiża kollettiva. Fiduċjuż li se jkollna biżżejjed opportunitajiet biex niddiskutu l-kontribut tal-UE għat-thejjja ġenerali tad-difiża tal-kontinent u l-kumplimentarjetà tal-UE man-NATO.

F'dan ir-rigward, nixtieq nagħti ġieħ lill-ħidma tad-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Assemblea Parlamentari tan-NATO. Bħala kopresident preċedenti tal-Assemblea Parlamentari EuroNest, nagħti valur partikolari lid-diplomazija parlamentari u nkun kuntent li naħdem mad-delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Assemblea Parlamentari tan-NATO u mal-kumitatati rilevanti tal-PE.

Il-proposti leġiżlattivi ewlenin imsemmija fl-Ittra tal-Missjoni tiegħi, b'mod partikolari l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u l-Liġi Spazjali futura tal-UE se jkunu tappi importanti fil-ħidma inizjali tiegħi, mal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur. Ħerqan biex naħdem mal-Parlament fuq il-proposta li tistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea. Se nagħti struzzjonijiet lis-servizzi tiegħi biex jipprovdu briefings tekniċi li jappoġġaw l-analiżi futura tat-test legali.

Fir-rigward tal-Liġi Spazjali futura tal-UE, il-Parlament Ewropew ta appoġġ b'mod konsistenti. Qed jiġuni f'moħħi l-proġetti pilota proposti marbuta mas-sikurezza u mas-sostenibbiltà, li għandhom rilevanza diretta għal din il-leġiżlazzjoni. Hemm fehma komuni li neħtieġu regoli komuni għall-operaturi spazjali biex dawn jipprovdu servizzi bla xkiel madwar l-Unjoni kollha. Il-Liġi Spazjali tal-UE hi l-aktar għodda xierqa biex jinħoloq dan is-suq uniku għas-settur spazjali. Dan l-approċċ għandu l-appoġġ tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-partijiet ikkonċernati (l-industrija u d-dinja akkademika), li ġew ikkonsultati fil-fond matul il-proċess preparatorju. L-interazzjoni mill-qrib li għandna mal-Istati Membri, mal-Parlament u mal-industrija spazjali se tkun strumentali biex din l-inizjattiva tirnexxi.

Barra minn hekk, jekk niġi kkonfermat, beħsiebni naħdem biex insaħħaħ il-kompetittività tal-industrija spazjali u nimmassimizza l-użu tad-*data* spazjali. Jeħtieġ isir aktar biex jitneħħew ċerti ostakli teknoloġiċi fis-setturi ekonomiċi kollha u biex titneħħa l-frammentazzjoni fis-suq Ewropew. Għal dan l-għan se nkun neħtieġ l-appoġġ tagħkom.

Fir-rigward tat-thejjja għall-QFP li jmiss, ir-rieżami tal-programmi attwali hu opportunità eċċellenti biex jiġu skambjati l-fehmiet mal-kumitatati rilevanti tal-Parlament dwar l-isfidi li għandna quddiemna. Qed jiġini f'moħħi r-rieżami riċenti ta' nofs it-terminu tal-Programm Spazjali tal-UE u r-rieżami li jmiss tal-Fond Ewropew għad-Difiża. Il-QFP li jmiss se jkun opportunità importanti biex niżguraw l-akbar impatt tal-azzjoni tal-Unjoni, biex il-baġit tal-UE jkun katalist ħalli jitwettqu l-prijoritajiet urġenti u ewlenin tal-UE, biex nagħtu l-prevedibbiltà lill-investment privat u pubbliku, biex insaħħu s-sinerġiji fost l-oġettivi, u biex nissimplifikaw ix-xenarju finanzjarju tal-UE ħalli jonqos il-piż amministrattiv. Jien se nikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew ħalli jkun jista' jaqdi bis-sħiħ ir-rwoli leġiżlattivi, ta' skrutinju u ta' stabiliment tal-aġenda tiegħu. Se nirrispetta għalkollox il-prinċipju tat-trattament ugwali fir-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tal-2010 u tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Konxju bis-sħiħ li l-portafoll tiegħi, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, imiss oqsma sensitivi, li jkunu jeħtieġu diskussjoni b'modi restrittivi. Is-sensittività mhix se twaqqafni milli nsib modi kostruttivi ta' skambju mal-Parlament Ewropew bi spirtu ta' fiduċja reċiproka.

Jekk ikun meħtieġ, lest ukoll nesplora modi biex niżviluppa mezzi tal-komunikazzjoni xierqa u prattiċi ħalli nkun nista' naqşam ċerta informazzjoni sensitiva mal-kumitatati inkarigati mill-politiki li jaqgħu fil-portafoll deskritt fl-Ittra tal-Missjoni tiegħi.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

6. X'inhil l-viżjoni tiegħek għall-portafoll tiegħek lil hinn mill-ittra tal-missjoni tiegħek u x'tixtieq li jkun il-legat tiegħek? Liema proposti leġiżlattivi u inizjattivi oħra se tissuġġerixxi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji biex jiġu adottati fil-ħames snin li ġejjin u b'mod partikolari fl-ewwel 100 jum? Kif se tiżgura li dawn il-proposti, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, isaħħu l-kompetittività Ewropea? Biħsiebek tibbaża dawkl-proposti leġiżlattivi fuq valutazzjonijiet tal-impatt apposta? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek b'mod partikolari għas-suq uniku għall-prodotti u s-servizzi tad-difiża, il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Liġi Spazjali tal-UE, l-Istrateġija dwar l-Ekonomija tad-Data Spazjali, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-EDIRPA, l-ASAP, l-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża?

Jekk niġi kkonfermat mill-Parlament Ewropew, ikun unur u privileġġ għalija li nservi bħala l-ewwel Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju. Jien konxju ferm li din il-kariga l-ġdida hi parti mir-rispons tal-UE għall-gwerra fl-Ukrajna u għat-tensjonijiet ġeopolitiċi li dejjem qed jiżdiedu. Iqawwili qalbi l-fatt li l-Unjoni Ewropea għelbet bosta kriżijiet tul l-istorja tagħha u dejjem evolviet biex issaħħaħ il-kapaċità tagħha u tegħleb sfidi ġodda. Li

niżguraw l-interessi tagħna f'dominji strateġiċi, bħall-ispazju u d-difiża, hu parti minn din il-linja ta' ħsieb. Jien se niżgura li l-industrija tad-difiża u l-politika spazjali tal-UE jkunu jħallu impatt dejjiemi fuq l-ekonomija, is-sigurtà u d-difiża tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għall-benesseri taċ-ċittadini tal-UE.

Jeħtieġ immexxu d-difiża tal-UE lejn il-livell li jmiss, filwaqt li nimxu lejn Unjoni tad-Difiża Ewropea ġenwina permezz ta' sett ta' miżuri ambizzjużi. Li l-Istati Membri jaħdmu flimkien jeħtieġ issir in-norma aktar milli l-eċċezzjoni, ħalli dawn mhux biss jinvestu aktar iżda jinvestu aħjar, jiġifieri b'mod kollaborattiv u primarjament fl-industrija tad-difiża Ewropea. L-industrija tad-difiża tagħna tista' titnebbiha mill-kooperazzjoni industrijali li hemm fil-programmi ewlenin spazjali Ewropej bħal Galileo jew Copernicus li jrawmu żviluppi konġunti u jfornu servizzi ta' benefiċċju għall-Unjoni kollha.

Kif jixhdu l-Linji Gwida Poliċi tal-President eletta u l-Ittra tal-Missjoni tiegħi, jidherli li hemm tliet assi ewlenin tal-ħidma biex jirnexxilna nimxu lejn Unjoni tad-Difiża ġenwina.

L-ewwel, irridu nistabbilixxu suq uniku tad-difiża reali, billi l-Istati Membri jiċċaqilqu mill-approċċi nazzjonali predominanti tagħhom li qed iħaddmu bħalissa fis-suq u fl-industrija tad-difiża. Irridu nixħtu enfasi ewlenija fuq l-istandardizzazzjoni, inkluż l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-istandards militari tan-NATO, u l-konverġenza taċ-ċertifikazzjoni. Dan l-isforz se jkun jinvolvi l-promozzjoni tal-użu tal-istandards ċivili u tad-difiża miftiehma – bħall-iSTANAGs tan-NATO – fil-programmi industrijali tad-difiża tal-UE, u l-appoġġ lil attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni reċiproka rapida ħalli niżguraw l-interoperabbiltà u nnaqqsu l-ostakli għad-dħul fis-suq tal-prodotti tad-difiża madwar l-UE.

It-tieni, jeħtieġ nallinjaw aktar mill-qrib l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kapaċità tal-UE u l-investment biex jiġu ssodisfati dawk il-ħtiġijiet, billi nattivaw il-programmi tagħna u l-baġit tal-UE.

It-tielet, l-iżvilupp ta' Proġetti Ewlenin ta' Interess Komuni għad-Difiża Ewropea hu kritiku għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża u għas-sovranià teknoloġika tal-Unjoni, u dan ikun jisboq il-kapaċità finanzjarja u industrijali tal-Istati Membri individwali. Beħsiebni naħdem mill-qrib magħhom biex ngħinuhom iwettqu proġetti komuni fit-teknoloġiji tad-difiża tal-ajru, taċ-ċiberdifiża, tad-droni u ta' kontra l-UAV, u prijoritajiet kritiċi oħra. Barra minn hekk, filwaqt li nibni fuq il-progress li sar sal-lum, se nkompli nagħti prijorià lill-Mobbiltà Militari. Se nħeġġeġ ukoll il-kooperazzjoni bejn il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u l-Ukrajna, b'mod partikolari fejn jidħlu d-droni u l-innovazzjoni, filwaqt li se nsahha l-Uffiċċju tal-Innovazzjoni tal-UE stabbilit dan l-aħħar fi Kiev.

Fi triqitna lejn Unjoni tad-Difiża Ewropea, se nibnu fuq l-esperjenza bl-istrumenti ta' emerġenza immedjati bħar-Regolament dwar l-Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP) u r-Regolament għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA).

Nimpenja ruħi wkoll li nżid l-isforzi tal-Fond Ewropew għad-Difiża ħalli tonqos il-frammentazzjoni tax-xenarju tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-UE u tissaħħa il-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea. Se jkun kruċjali wkoll li jiġi implimentati malajr il-miżuri proposti fl-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u li jiġi adottat u jibda jitwettaq malajr il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea li qed jiġi diskuss bħalissa fil-Kunsill. Dwar dan tal-aħħar, il-Parlament Ewropew se jkollu rwol kritiku x'jaqdi fix-xhur li ġejjin.

Jien u nħares 'il quddiem, se nieħu ħsieb ukoll b'mod partikolari li nappoġġa l-ħolqien ta' suq uniku tad-difiża Ewropea u nincentiva l-kompetittività u l-kapaċità tal-industrija tad-difiża Ewropea.

Jien nemmen li neħtieġu wkoll bidla fil-paradigma għall-ispazju. Il-viżjoni tiegħi se tkun iċċentrata fuq il-konsolidazzjoni tal-pożizzjoni ta' quddiem nett tal-UE fil-qasam spazjali dinji, filwaqt li se tingħata prijorià lill-kompetittività tas-settur spazjali, se jiġi massimizzat l-użu tal-ispazju għas-sigurtà u għad-difiża, u se tissaħħa il-protezzjoni tal-assi spazjali.

L-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u għad-Difiża se tkun il-pedament tal-approċċ tiegħi. Se naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Viċi President nominat tal-Kummissjoni, mal-bqija tal-Kulleġġ u mal-Istati Membri, ħalli niżgura l-implimentazzjoni kontinwa tagħha.

Fl-immedjat se niffoka fuq it-tkomplija tal-iżvilupp tas-servizzi spazjali li jappoġġaw id-difiża. L-inizjattivi ewlenin jinkludu s-Servizzi Pubbliċi Regolati ta' Galileo u IRIS², u l-Programm tal-UE għal Konnettività Sigura, li se joffri servizzi tal-konnettività siguri għall-utenti governattivi u tad-difiża sal-2030. Fiż-żmien medju se naħdem fuq l-iżvilupp ta' servizzi ġodda għal skopijiet governattivi fil-qasam tal-Osservazzjoni tad-Dinja, b'servizz pilota u bl-istudji tal-fattibbiltà li qed isiru bħalissa. Fl-istess waqt se nsahha l-għarfien sitwazzjonali tal-ispazju tagħna permezz tas-Servizzi ta' Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju tal-UE u se niżviluppaw missjoni pilota għal operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju. Beħsiebni wkoll niżgura aċċess awtonomu, risponsiv u versatili għall-ispazju. Mira tiegħi iżjed fit-tul hija li niżviluppa kapaċitajiet awtonomi fil-qasam tal-operazzjonijiet u s-servizzi ġol-ispazju.

Jekk niġi kkonfermat, se nagħti prijorità lil industrija spazjali soda u innovattiva bħala pilastru ewlieni għall-kompetittività u s-sigurtà tal-UE. Se mmexxi 'l quddiem il-ħidma favur industrija spazjali tal-UE, b'mod partikolari biex jitravwem approċċ strateġiku għall-kapaċità tal-illanċjar, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u favur in-negozji ġodda u li qed jespandu innovattivi.

Kif tixhed l-Itra tal-Missjoni tiegħi, il-Liġi Spazjali tal-UE se tkun element ewlieni tal-politika spazjali tal-UE, għax se toħloq suq uniku tal-ispazju, se tissimplifika l-ħajja tal-kumpaniji spazjali tagħna, u se tiftaħ opportunitajiet ġodda ta' negozju. Min-naħa tiegħi, jien se niżgura li l-istandardizzazzjoni tkun fulkru għall-implimentazzjoni tal-Liġi Spazjali tal-UE. Billi nistabbilixxu approċċ komuni, normi komuni u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni rilevanti, se nkunu qed nibnu t-triq għal industrija spazjali kompetittiva tal-UE. Dwar dan il-proċess, fil-bidu tal-2024 saret valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa. Is-sejbiet tagħha huma ċari: neħtieġu regoli komuni għall-operaturi spazjali biex dawn jipprovdu servizzi bla xkiel għall-Unjoni kollha. Il-Liġi Spazjali tal-UE hi l-aktar għodda xierqa biex jinħoloq dan is-suq uniku tal-ispazju, tissaħħaħ il-kompetittività dinjija tal-industrija spazjali tal-UE u jinħoloq ambjent ekwu għall-operaturi kollha. Waqt il-proċess tal-konsultazzjoni, l-industrija u partijiet ikkonċernati ewlenin oħrajn esprimew appoġġ ġenerali għal dan l-approċċ.

Se naħdem biex jinħoloq suq uniku tad-difiża Ewropea. Il-Kummissjoni se tipproponi fond Ewropew għall-kompetittività biex tinċentiva l-investimenti fit-teknoloġiji strateġiċi, f'oqsma bħall-AI, l-ispazju, it-teknoloġiji nodfa, il-bijoteknoloġija, kif ukoll proġetti Ewropej ta' interess komuni. Se nistinkaw biex niżguraw li nużaw is-setgħa tal-baġit tagħna ħalli nisfruttaw u nnaqqsu r-riskji tal-investment privat skont il-miri komuni tagħna, għax l-Ewropa tista' tuża s-saħħa kollettiva tagħha biex tinvesti flimkien fi proġetti komuni ambizzjużi.

7. X'miżuri konkreti qed tippredvi biex ittejjeb il-kapaċità tal-industrija tad-difiża li tipproduċi kwantitajiet suffiċjenti ta' prodotti u servizzi rilevanti b'mod effiċjenti u kompetittiv? Kif qed tippjana li tespandi l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża madwar l-UE biex jtnaqqsu d-dipendenzi esterni bla bżonn b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, mingħajr preġudizzju għall-baġit allokat għal politiki oħra tal-UE? X'miżuri qed tippredvi biex tipprovdi aċċess aħjar lill-industrija Ewropea għall-materja prima u għall-komponenti ewlenin u biex tnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti teknoloġiji? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek biex il-prodotti u s-servizzi Ewropej relatati mad-difiża jsiru aktar attraenti biex jinxtraw? Kif biħsiebek tiżgura li l-appoġġ tal-UE għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDITB) jimxi id f'id mal-integrazzjoni tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fil-ktajjen tal-provvista u l-istimulazzjoni ta' sħubijiet ġenwinament ġodda bejn atturi minn Stati Membri differenti? B'mod aktar ġenerali, kif se ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u xi rwol tippredvi għall-Aġenzija Ewropea għad-Difiża? X'inhuma l-viżjoni tiegħek għat-tiswir tal-kooperazzjoni transfruntiera u l-'ispeċjalizzazzjoni' potenzjali fl-industrija tad-difiża? Xi rwol tara għat-teknoloġiji diġitali fid-difiża Ewropea? Kif se timmassimizza l-użu tal-baġit u l-istrutturi tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP)? X'taħseb li huma r-riżorsi finanzjarji xierqa għall-EDIP u għall-istrumenti attwali relatati, u kif biħsiebek tiżgura dawn ir-riżorsi? Kif se tiżgura li l-EDIP jista' jkun ta' benefiċċju massimu għall-industrija tal-UE u x'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-kriterji tal-eliġibbiltà ta' dan il-programm? X'inhuma l-fehma tiegħek dwar l-approċċ tal-UE li tiffinanzja direttament lill-industrija tad-difiża tal-Ukrajna u tippredvi li ssaħħaħ dan l-approċċ? Kif tippredvi li jkun il-futur tal-EDIP wara l-2027?

Biex ikollhom il-prontezza tad-difiża, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jrid mhux biss ikollhom iżda jridu jgawdu wkoll mid-disponibbiltà permanenti tal-ispettru kollu tal-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiffaċċjaw l-aktar kontinġenzi militari estremi. Dan ifisser li jrid ikollna ħakma tat-teknoloġiji kritiċi kollha u ngawdu s-sigurtà tal-provvista ta' kull tagħmir meħtieġ mingħajr restrizzjonijiet fuq l-użu tiegħu.

Biex tilħaq dan l-oġġettiv, nemmen bis-sħiħ li l-UE għandha tkun tista' tiddependi fuq Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża li tkun kompetittiva fil-livell dinji iżda wkoll risponsiva u reżiljenti biex tirrispondi fil-volum u fil-ħin għal kull ħtieġa espressa mill-Istati Membri tagħha ħalli tiskoraġġixxi jew tirreżisti kull theddida. Din il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-UE (EDITB) trid tkun reżiljenti wkoll għal kull xokk, ħalli l-ktajjen tal-provvista tagħha jkunu jistgħu jibqgħu jaħdmu wkoll waqt l-aktar restrizzjonijiet severi.

Għalhekk, l-ewwel oġġettiv tiegħi se jkun li nieħu miżuri ġodda biex naħtaf il-potenzjal kollu ta' suq uniku tal-prodotti tad-difiża. B'dan il-mod, l-industrija tad-difiża tal-UE tkun tista' tibbenefika minn suq akbar, li jikseb l-effiċjenza iżda anki li jtejjeb l-aċċess għall-innovazzjoni.

Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs fil-ktajjen tal-provvista tad-difiża hi parametru ewlieni biex jirnexx ilna niksbu Suq Uniku Ewropew tassew tal-prodotti u tas-servizzi tad-difiża. F'dan ir-rigward, nemmen li nistgħu nibnu fuq l-esperjenza ta' suċċess bil-Fond Ewropew għad-Difiża, li terz mill-benefiċjarji tiegħu huma SMEs. BI-istess mod, hemm maħsuba strumenti oħra li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, eż. il-faċilità tal-Ekwità tad-Difiża diġà fis-seħħ, u l-Fond biex Titħaffef it-Trasformazzjoni tal-Katina tal-Provvista, għad-Difiża, propost fil-proposta għal Regolament tal-EDIP. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju, l-SMEs se jibqgħu fokus ewlieni fil-programmi industrijali kollha tad-

difiża tal-UE li jappoġġaw l-EDTIB u se nkomplu nesploraw modi u mezzi ġodda biex nappoġġawhom, b'enfasi partikolari fuq is-simplifikazzjoni.

Lest li naħdem b'mod intensiv mal-koleġiżlaturi biex niżgura li dawn jadottaw malajr l-aħħar proposta tagħna għal Regolament li jstabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP). Il-programm fih diversi miżuri li huma maħsubin biex jilħqu l-għanijiet ambizzjużi stabbiliti fl-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIS), u jipprovdi appoġġ finanzjarju b'baġit propost ta' EUR 1.5 biljun biex tiżdied il-kompetittività tal-EDTIB.

L-EDIP se jipprovdi inċentivi u oqfsa ġodda biex iħeġġeġ u jiffaċilita l-aggregazzjoni tad-domanda għall-prodotti tal-EDTIB u aktar investimenti li jsaħħu l-industrija tad-difiża tagħna. B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tal-appoġġ għall-kompetittività tal-EDTIB, l-EDIP se jappoġġa finanzjarjament l-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni Ewropea għall-prodotti rilevanti tad-difiża, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu disponibbli fil-ħin u bl-iskala għall-Istati Membri, billi jespandi l-loġika tal-intervent ittestjata skont ir-Regolament dwar l-Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP). Barra minn hekk, l-EDIP se jintroduċi wkoll miżuri biex il-prodotti tad-difiża Ewropej isiru aktar attraenti biex jinxtraw. Il-Kummissjoni pproponiet li jinħoloq il-Mekkaniżmu Ewropew tal-Bejgħ Militari ħalli jħeġġeġ id-disponibbiltà u jiffaċilita l-akkwist tat-tagħmir tal-UE. Dan il-Mekkaniżmu jinvolvi l-iżvilupp ta' katalogu tat-tagħmir magħmul mill-EDTIB u l-istabiliment ta' Akkomunamenti Ewropej għall-Prontezza tad-Difiża ħalli tiżdied id-disponibbiltà tal-prodotti u jitħaffef il-ħin tal-konsenja.

Il-kompetittività u l-attraenza tal-EDTIB jiddependu wkoll fuq il-potenzjal tal-innovazzjoni tagħha, li jeħtieġ titrawwem b'investimenti adegwati. F'dan ir-rigward, it-teknoloġiji diġitali għandhom il-potenzjal li jsaħħu d-difiża Ewropea f'firxa ta' oqsmi, miċ-ċibersigurtà għal operazzjonijiet militari avvanzati. L-applikazzjonijiet ewlenin tat-teknoloġiji diġitali diġà huma indirizzati bil-Fond Ewropew għad-Difiża. Madankollu, jeħtieġ isir aktar biex ikun żgurat li l-EDTIB tippovdi soluzzjonijiet mill-aktar avvanzati lill-forzi armati tagħna, u għalhekk biħsiebni nrawwem l-investimenti tal-UE fl-innovazzjoni tad-difiża.

Ma jista' jkollna l-ebda prontezza tad-difiża u l-ebda suq uniku b'saħħtu u EDTIB mingħajr ma jsir investiment suffiċjenti. Għalhekk, it-tieni objettiv tiegħi hu li nappoġġa b'kull mod u mezz possibbli żieda konsiderevoli fil-livell tal-investiment fl-industrija tad-difiża Ewropea. Neħtieġu aktar investiment mill-Istati Membri biex inlaħħqu b'urġenza mad-diskrepanza attwali fl-investiment fid-difiża ta' aktar minn EUR 400 biljun għad-deċennju li jmiss. Mhux biss aktar investiment, neħtieġu wkoll investiment aħjar, li jsir b'mod kollaborattiv u li jkun ta' ġid għall-EDTIB biex jinħoloq l-effett ta' skala meħtieġ.

Għalhekk, għandna nonfqu aktar, nonfqu aħjar, u nonfqu flimkien. Minħabba l-isfidi tas-sigurtà li qed tiffaċċja l-Ewropa, fiduċjuż li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew se jappoġġaw dan l-approċċ.

L-appoġġ tal-UE għandu jaħdem fuq il-pjan ta' azzjoni tal-EDIP u jinkludi l-loġiċi ta' intervent kollha tagħna b'appoġġ għall-kompetittività tal-EDTIB, jiġifieri appoġġ għal riċerka u żvilupp kollaborattivi, investiment produttiv u akkwist komuni.

Neħtieġu nfiq aktar kollaborattiv u konsistenti. F'dan ir-rigward, inkun impenjat dejjem li nħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw bis-siħh l-inizjattivi u l-oqfsa eżistenti fil-livell tal-UE, inkluż daww żviluppanti u ġestiti mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA). Pereżempju, ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), kif ukoll il-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) huma maħsuba biex jiggwidaw u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tal-Istati Membri fid-difiża. Jien konvint li l-interazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, l-EDA, u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna se tkun kruċjali biex nibqgħu niżguraw approċċ konsistenti bejn l-inizjattivi kollha tad-difiża tal-UE.

EDTIB aktar ta' suċċess tkun tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għall-prontezza tad-difiża biss jekk tkun reżiljenti għall-aktar kontinġenzi estremi. L-industrija tad-difiża titlef kull skop jekk ma tkunx kapaċi tforni lill-Istati Membri meta jkollhom l-aktar bżonn. Għalhekk, it-tielet objettiv tiegħi hu li nsaħħaħ b'mod konsiderevoli r-reżiljenza ġenerali tal-EDTIB. B'hekk jitjeb l-aċċess dejjiemi tal-kumpaniji tad-difiża Ewropej għall-materja prima, għall-komponenti u għat-teknoloġiji kritiċi; tissawwar governanza soda tas-suq uniku; u jkun evitati r-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-prodotti tad-difiża. Rigward dan tal-aħħar, hu importanti li jiġi enfasizzat li l-EDIP tfassal biex jappoġġa l-proġetti tal-istrutturar fit-tul, lil hinn mill-azzjonijiet ta' emerġenza. Għalhekk, biex insaħħu l-prontezza tad-difiża tagħna u l-effettività tagħha, nemmen li neħtieġu dan is-sett ta' kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, mibnija fuq il-pjan ta' azzjoni tal-Fond Ewropew għad-Difiża.

Bħala Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju nkun nista' naħdem mal-koleġiżlaturi biex nimplimentaw il-miżuri tal-EDIP, inkluż ir-reġim tas-Sigurtà tal-Provvista (SoS). Dan ir-reġim se jipproteġi lill-Istati Membri u se jgħin lill-industrija taċċessa r-riżorsi meħtieġa għall-produzzjoni tad-difiża. L-appoġġ tal-Parlament Ewropew se jkun kruċjali għall-implimentazzjoni ta' din is-sistema, li se jkollha qafas flessibbli għall-ġestjoni tal-kriżijiet ħalli tgħin fil-ġestjoni f'każ ta' tfixkil fil-katina tal-provvista.

Iżda l-ebda objettiv imsemmi hawn fuq ma jista' jintlaħaq mingħajr dak li jien se nqisu bħala r-raba' objettiv permanenti u trasversali tiegħi, jiġifieri li nrawmu spirtu ġenwin ta' solidarjetà u kooperazzjoni Ewropea f'kull ħaġa li nagħmlu fejn tidħol id-difiża fil-livell tal-UE. Dan għandu jissarraf mhux biss f'kooperazzjoni li ssir in-norma fost l-Istati Membri fir-rigward tal-investment fid-difiża, iżda anki f'objettiv ġenwin ta' inklużività permezz ta' Ewropizzazzjoni tal-ktajjen tal-provvista kull fejn ikun possibbli.

Fl-aħħar nett, dan il-prinċipju ta' solidarjetà jrid jitħaddem bl-aktar mod ovvju u sod fl-appoġġ qawwi li qed nagħtu u li jeħtieġ nibqgħu noffru lill-Ukrajna. U dan jifforma l-ħames objettiv tiegħi u jista' jkun l-aktar objettiv pressanti, jiġifieri li nimmobilizzaw l-isforzi u l-enerġija kollha tagħna biex nġinu lill-Ukrajna tirbaħ il-gwerra. Prijorità fl-immedjat dwar dan hi li titħaffef l-assistenza ħalli jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-industrija tad-difiża tal-Ukrajna. Dan se jsir bl-integrazzjoni tal-Ukrajna u tal-industrija tad-difiża u spazjali tal-UE, billi l-Ukrajna tingħata aċċess għal strumenti oħra ta' appoġġ tal-UE permezz tal-EDIP, u billi titrawwem kollaborazzjoni industrijali fil-materji spazjali. L-EDIP għandu wkoll l-għan li jappoġġa r-rikostruzzjoni, l-irkupru u l-modernizzazzjoni tal-industrija tad-difiża Ukrena, għalkem għalissa mingħajr allokkazzjoni baġitarja.

Għalhekk se naħdem mal-Parlament u mal-Istati Membri biex niżgura li nsibu soluzzjoni kredibbli ħalli niffinanzjaw b'mod adegwat lill-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna propost fl-EDIP. Meta nqis il-pożizzjonijiet li ħadet l-istituzzjoni tagħkom dan l-aħħar, nifhem li intom tħarsu b'mod pożittiv lejn dan l-għan jekk u meta jkun hemm qbil mill-Kunsill.

Dan l-approċċ komprensiv mhux biss isaħħaħ il-kapaċitajiet immedjati tad-difiża Ukrena iżda jwitti t-triq ukoll għal integrazzjoni u modernizzazzjoni fit-tul tal-industrija tad-difiża u spazjali ta' dak il-pajjiż fil-qafas Ewropew.

8. Kif qed tippjana b'mod konkret li tiżgura l-awtonomija strateġika tal-UE fis-settur spazjali u tippromwovi r-rwol tal-UE bħala attur globali? X'miżuri se tiegħu favur l-iżvilupp ulterjuri ta' industrija spazjali Ewropea kompetittiva? Kif se tiżgura li d-domanda domestika tal-UE għat-teknoloġiji spazjali tiġi indirizzata mis-settur spazjali tal-UE? Kif se tiżgura l-integrazzjoni tal-SMEs u tal-kumpaniji żgħira b'kapitalizzazzjoni medja fil-ktajjen tal-provvista? Kif tispjega l-iżviluppi industrijali diverġenti bejn l-UE, l-Istati Uniti u pajjiżi oħra fis-settur? X'inhil-viżjoni tiegħek għal-Liġi Spazjali futura tal-UE? X'miżuri għandha tinkludi u meta se tiġi ppreżentata? Kif se tindirizza l-kwistjoni li għaddejja tal-aċċess għall-ispazju u x'se jkun il-kontenut tal-politika tal-UE dwar il-lanċjaturi spazjali, inkluż kapaċitajiet alternattivi tal-illanċjar? Kif se tindirizza l-isfidi relatati mal-użu sostenibbli tal-ispazju?

L-UE hija potenza spazjali dinjija, u minn ta' quddiem nett globalment fl-Osservazzjoni tad-Dinja bis-saħħa tal-programm ewlieni tagħna Copernicus, kif ukoll fin-navigazzjoni bis-satellita permezz ta' Galileo. Aħna impenjati li nibqgħu attur spazjali dinji b'saħħtu.

Fl-istess ħin, fl-aħħar snin, l-UE tilfet il-pożizzjoni minn ta' quddiem nett tagħha fis-suq, żiedet id-dipendenzi tagħha f'diversi dominji spazjali, u l-industrija spazjali tal-UE qed titħabat biex tibqa' kompetittiva. L-Istati Uniti huma l-attur spazjali dinji dominanti, u jibbenefikaw minn strateġija nazzjonali integrata ħafna u ekosistema tal-investment soda. Bħala ċifri, l-Istati Uniti jinvestu ħames darbiet aktar mill-UE, u l-investment taċ-Ċina dalwaqt se jkun id-doppju tal-baġit spazjali tal-UE. Dan se johlq distakk sostanzjali fl-investment għall-UE.

F'dan l-isfond nemmen li biex titrawwem industrija spazjali tal-UE b'saħħitha u innovattiva neħtieġu tliet elementi ewlenin. L-ewwel, l-UE għandha tisfrutta d-domanda istituzzjonali Ewropea biex tistimula t-tkabbir fis-settur u tippermetti lill-industrija u lill-SMEs jespandu u jrawmu ktajjen tal-provvista tal-UE affidabbli u reżiljenti. It-tieni, l-UE jeħtieġ tallinja l-investimenti tal-UE fir-riċerka u fl-iżvilupp spazjali, mal-livell meħtieġ ta' ambizzjoni u żżid l-effiċjenza ta' dawn l-investimenti. U t-tielet, l-UE għandha tisfrutta s-sinerġiji bejn l-ispazju u d-difiża billi trawwem programmi spazjali ċivili u tad-difiża kompatibbli.

L-UE jeħtieġ issaħħaħ l-aċċess awtonomu tagħha għall-ispazju billi tiddiversifika s-soluzzjonijiet tas-servizzi tal-illanċjar, billi żżid il-kompetizzjoni u billi toħloq offerta b'saħħitha ta' servizzi tal-illanċjar, inkluż skont il-ħtiġijiet tad-difiża.

L-ewwel, irridu naggregaw id-domanda istituzzjonali Ewropea tal-lanċjaturi mill-UE, mill-Aġenzija Spazjali Ewropea u mill-Istati Membri. Jeħtieġ noħolqu domanda domestika akbar b'appoġġ għal soluzzjonijiet tas-servizzi tal-illanċjar tal-UE, billi nibdew bi pjattaforma diġitali għall-qsim tal-informazzjoni ħalli nappoġġaw l-aggregazzjoni tad-domanda u l-akkwisti konġunti. It-tieni, jeħtieġ nappoġġaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda tal-illanċjar bi skemi ġodda tal-akkwist u nrawmu l-innovazzjoni rivoluzzjonarja. It-tielet, jeħtieġ nappoġġaw l-infrastruttura kritika tal-UE, b'mod partikolari l-faċilitajiet tal-ittestjar u tal-illanċjar.

Flimkien mal-korporazzjonijiet il-kbar, l-intrapriżi żgħira u medji għandhom rwol importanti fl-ekonomija spazjali. Illum hemm madwar 400 jew 500 SME li qed jikkontribwixxu għall-katina tal-provvista spazjali Ewropea. Qed naraw ukoll aktar u aktar negozji ġodda tal-ispazju l-Ġdid li qed jiżviluppaw teknoloġiji rivoluzzjonarji, mudelli tan-negozju ġodda u soluzzjonijiet aktar kosteffiċjenti. Nemmen bis-sħiħ li jeħtieġ naħtu il-potenzjal innovattiv

kollu ta' dawn in-negozji ġodda u l-SMEs. Jeħtieġ ikunu jistgħu jespandu, jikbru u jistabbilixxu lilhom infushom bħala fornituri kredibbli. Irridu nkomplu naġġustaw ir-regoli u l-proċessi tal-akkwist tagħna ħalli nagħmluhom aktar rapidi, aktar aġli, u eħfef għan-negozji ġodda u l-SMEs innovattivi. Importanti wkoll li jiżdied l-aptit għar-riskju.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, beħsiebni nibni fuq l-inizjattiva CASSINI li tappoġġa l-potenzjal innovattiv tal-kumpaniji Ewropej tal-Ispazju l-Ġdid. Jeħtieġ intejbu l-aċċess għall-akkwist lin-negozji ġodda u lill-SMEs fil-Programm Spazjali tal-UE, nieħdu miżuri biex ikollna faċilità tal-akkwist aktar aġli, u ntejbu l-aċċess għall-kapital tat-tkabbir li jappoġġa lin-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu innovattivi fl-UE.

Il-Liġi Spazjali futura tal-UE se jkollha importanza ewlenija biex jiġi kkonsolidat dan l-approċċ, billi noħolqu s-suq uniku tal-ispazju u nrawmu l-kompetittività tal-industrija spazjali tal-UE. Dan jeħtieġ jinkludi rekwiżiti vinkolanti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà għall-operazzjonijiet spazjali, li jkopru kemm is-satelliti kif ukoll il-lanċjaturi, u jeħtieġ jintroduċi miżuri sinifikattivi li jhegħu l-iżvilupp ta' swieq ġodda, pereżempju għal operazzjonijiet u servizzi ġol-ispazju, jew ċibersigurtà għall-ispazju.

Dawn l-isforzi għandhom jissaħħu b'tixrid attiv tal-għarfien mill-UE, sew bilateralment mas-sħab strateġiċi, sew fil-kuntesti multilaterali, inkluż in-Nazzjonijiet Uniti, ħalli l-istandards, il-valuri u l-prijoritajiet tal-UE jiġu promossi madwar id-dinja.

Fi ftit kliem, fil-fehma tiegħi, biex tikkonsolida l-pożizzjoni tagħha bħala potenza spazjali dinjija, tħares il-libertà tal-azzjoni tagħha fl-ispazju, u tiżgura l-awtonomija strateġika tagħha, l-UE għandha bżonn il-kapaċitajiet strateġiċi li ġejjin: (1) l-użu tal-ispazju fid-Dinja – li għandna ħakma tiegħu bl-inizjattivi ewlenin spazjali tagħna Galileo, Copernicus u, fil-futur qrib, IRIS²; (2) l-aċċess għall-ispazju – li se nsaħħu; (3) il-monitoraġġ tal-ispazju – li se nestendu; u (4) l-azzjoni ġol-ispazju – li se nħaffu.

Mistoqsija mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

9. Skont l-ittra tal-missjoni korrispondenti, il-President von der Leyen inkarigat lill-Kummissarju futur għat-Trasport biex ikompli jsaħħaħ il-kurituri tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju fin-Network Trans-Ewropew, kif ukoll biex jaħdem mal-Istati Membri fuq it-tisħiħ tal-mobbiltà militari. Dawn il-prijoritajiet jissemew ukoll fl-ittra tal-missjoni għall-Kummissarju futur għad-Difiża u l-Ispazju. X'azzjonijiet biħsiebek tiegħu, b'kooperazzjoni mal-Kummissarju futur għat-Trasport, biex jinlaħqu dawn l-oġġettivi, fid-dawl tal-isfidi ġeopolitiċi attwali li qed tiffaċċja l-UE? Kif tappoġġa l-użu doppju tal-infrastruttura tat-trasport permezz tar-riċerka u l-iżvilupp, inkluż b'impriżi konġunti u sħubijiet pubbliċi privati?

Nixtieq nibda billi nenfasizza l-importanza tal-Mobbiltà Militari fil-kuntest ġeopolitiku attwali bil-gwerra mal-fruntieri tagħna. L-istituzzjoni tagħkom, li pproponiet li l-Istati Membri jqisu l-ħtiġijiet tal-mobbiltà militari meta jkunu qed jibnu jew jimmodernizzaw l-infrastruttura tagħhom fin-network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), taqbel ma' din il-fehma.

Biex ikunu jistgħu jwieġbu għall-kriżijiet u jikkontribwixxu għat-tħejjija tal-Unjoni, inkluż biex jappoġġaw lill-Ukrajna bl-għajnuna militari iżda anki biex iżommu pożizzjoni ta' deterrenza, l-Istati Membri jeħtieġ ikunu jistgħu jċaqilqu l-forzi armati u t-tagħmir tagħhom malajr u bi skala. Fil-fehma tiegħi, għandna bżonn niffukaw fuq tliet elementi ewlenin: l-infrastruttura b'użu doppju, l-aspetti regolatorji u r-reżiljenza.

Filwaqt li l-UE diġà għamlet progress sostanzjali, nemmen li jeħtieġ inħaffu l-azzjonijiet tagħna. L-UE diġà investiet EUR 1.79 biljun f'infrastruttura tat-trasport b'użu doppju. Dawn il-proġetti jqarrbuna lejn l-iżvilupp ta' kurituri tal-mobbiltà militari tul in-network TEN-T fl-Ewropa. Għalhekk, jekk niġi kkonfermat Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju, se naħdem mal-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu biex niżgura li l-isforzi fil-QFP li jmiss li jimobilizzaw biżżejjed baġit għall-investimenti relatati mad-difiża, li tkun tibbenefika minnu wkoll l-infrastruttura tal-mobbiltà militari.

Jeħtieġ nisiltu t-tagħlimiet mill-Ukrajna u nestendu l-infrastruttura tal-mobbiltà militari biex din tkun tkopri l-aspetti loġistiċi kollha, inkluż iċ-ċentri loġistiċi, il-fjuwil, l-ispere parts, il-kapaċità tat-tiswija, u l-munizzjon. Il-prontezza tad-difiża tal-UE tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' dawn ir-riżorsi tul il-kurituri, li jippermettu operazzjonijiet rapidi u effettivi. L-aġġornament riċenti biex tiddaħħal l-infrastruttura tal-fjuwil hu pass pożittiv f'din id-direzzjoni.

Ir-riċerka u l-iżvilupp iffinanzjati mill-UE diġà jappoġġaw l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-mobbiltà militari. Il-Fond Ewropew għad-Difiża bħalissa qed iwettaq tliet proġetti, inkluż biex tinholq sistema diġitali għall-iskambju sigur tal-informazzjoni dwar il-mobbiltà militari (EUR 9 miljun) u studji dwar pjattaforma soda tal-inġenji tal-ajru u kapaċità strateġika Ewropea futura tat-trasport bl-ajru (EUR 20 miljun).

Ir-riċerka u l-iżvilupp jistgħu jaqdu wkoll rwol ewlieni biex niżguraw ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-infrastruttura militari. Nara wkoll il-potenzjal li l-Fond Ewropew għad-Difiża jaqdi rwol aktar b'saħħtu biex jinstabu soluzzjonijiet għall-iżvilupp u għall-protezzjoni tal-infrastruttura tal-mobbiltà militari.

Madankollu, l-infrastruttura waħedha mhix se tiżgura l-moviment rapidu u bla skossi tal-forzi militari madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. Il-kunsiderazzjonijiet u s-sensittivitajiet regolatorji, legali, tas-sigurtà u politiċi qed inaqqsu r-ritmu li bih l-Ewropa tiżviluppa l-mobbiltà militari tagħha.

Hu kruċjali li jsir investiment sostnut fl-infrastruttura u fil-loġistika multimodali u transfruntiera b'użu doppju. Jien qed nikkunsidra li nbiddel ir-ritmu fejn tidħol it-tneħħija tal-ostakli ħalli nieħu l-mobbiltà militari għal-livell li jmiss għax issa li qed ikompli jiżdedu t-theddidiet mal-fruntieri tagħna wasal iż-żmien għal soluzzjonijiet kuraġġjużi. Azzjoni kritika fl-immedjat u fiż-żmien medju għandha tkun it-trasformazzjoni tal-Mobbiltà Militari f'riżorsa loġistika militari komprensiva. Jekk niġi kkonfermat mill-Parlament Ewropew, se nkun qed naħdem favur dawn il-miri, b'mod partikolari biex jissawru l-kurituri tal-mobbiltà u jitneħħew l-ostakli regolatorji f'dan il-qasam.

Fl-aħħar nett, beħsiebni nappoġġa wkoll lill-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu fit-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari u fit-tiżmin tal-appoġġ għall-proġetti tal-mobbiltà militari u l-kurituri futuri possibbli tal-mobbiltà militari ta' prijorità.

Mistoqsija mis-Sottokomitat għas-Sigurtà u d-Difiża

10. Ir-Rapport Draghi, fost affarijiet oħra, saħaq fuq il-ħtieġa ta' investiment fid-difiża Ewropea. Bħala l-ewwel Kummissarju għad-Difiża u l-Ispazju, se jkollok il-kompitu li tiżgura li d-difiża tkun riflessa fil-prijoritajiet tal-baġits annwali attwali u fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, li se jiġi nnegożjat u adottat tul il-leġiżlatura attwali. Kif se tiżgura li d-difiża ssir prijorità reali f'dan il-proċess u b'mod partikolari li l-FEŻ, l-EDIP, u l-proposti kollha sussegwenti fl-EDIS, se jirċievu l-finanzjament suffiċjenti fl-immedjat u aktar fit-tul, u x'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-possibbiltà li jiġu esplorati modi oħra ta' finanzjament għad-difiża, bħal riżorsi minn ġewwa u proposti apposta biex jiġi appoġġat l-ingranaġġ tal-investimenti privati, pereżempju r-riforma tal-istatuti tal-Bank Ewropew tal-Investment, l-użu tal-assi Russi ffriżati u l-Eurobonds?

Ir-rapport Draghi jenfasizza taħlita ta' dgħjufijiet strutturali li qed jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB). Fost sfidi oħra, ir-rapport jidentifika n-nuqqas ta' nfiq biżżejjed fuq id-difiża pubblika (jiġifieri n-nefqa kkombinata għad-difiża tas-27 Stat Membru tal-UE bħalissa hija madwar terz ta' dik tal-Istati Uniti, filwaqt li n-nefqa taċ-Ċina qed tiżdied malajr). Ir-rapport isemmi wkoll l-aċċess limitat għall-finanzjament. Dwar dan, filwaqt li dan l-aħħar il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) żied b'mod sinifikanti l-appoġġ tiegħu għat-teknoloġiji b'użu doppju u għall-SMEs fl-industrija tas-sigurtà u tad-difiża, il-politika tas-self tiegħu għadha teskludi l-finanzjament tal-munizzjon u tal-armi, kif ukoll tat-tagħmir jew tal-infrastruttura maħsubin esklussivament għall-użu militari u mill-pulizija.

Fir-rigward tal-finanzjament pubbliku u l-investment, jekk niġi kkonfermat Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju, se naħdem biex niżgura l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli fil-baġit tal-UE. Dan ifisser li – l-ewwel – tittieħed deċiżjoni fuq l-oqsma ta' prijorità għall-infiq tad-difiża u – it-tieni – jiġi diskuss liema minn dawn il-prijoritajiet jeħtieġu finanzjament komuni fil-livell tal-UE li jrid jinkiseb fuq medda iqsar u b'inqas kost ġenerali.

Il-White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea, li ġejt inkarigat nippreżenta flimkien mar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà fl-ewwel 100 jum tal-mandat, se tkun qed tidentifika l-ħtiġijiet tal-investment u se ttejjgħi lill-UE u lill-Istati Membri għall-aktar kontinġenzi militari estremi.

Rigward il-mistoqsija fuq kif għandhom jiġu ffinanzjati dawn il-ħtiġijiet mill-baġit attwali tal-UE, hu importanti li niftakru li l-adozzjoni malajr tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) tipprovdi EUR 1.5 biljun, b'mod partikolari biex tikkontribwixxi għall-prontezza tal-industrija tad-difiża tal-UE. Fl-EDIP għad trid tinstab soluzzjoni għal finanzjament adegwat tal-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna.

Barra minn hekk, bħala Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju beħsiebni niżgura wkoll implimentazzjoni rapida tal-Att dwar it-Tiżmin tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) u tal-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP).

Apparti dan, biex insaħħu l-prontezza tad-difiża tagħna, irridu nintegraw din il-kultura fil-politiki kollha tal-UE u nindirizzaw il-kwistjoni tal-aċċess għall-finanzi. L-alternattivi tal-finanzjament huma diffiċli: neħtieġu kontribuzzjonijiet nazzjonali addizzjonali għall-baġit tal-UE, jew inkella jrid jintlaħaq ftehim dwar riżorsi ġodda tal-UE minn ġewwa. Programm ġdid tas-self li jkun iddedikat għall-investimenti fid-difiża jkun ifisser ukoll li jridu jsiru kontribuzzjonijiet nazzjonali addizzjonali jew inkella jittieħdu riżorsi ġodda minn ġewwa biex ikopru l-kostijiet tal-ħlasijiet lura fil-futur.

Minħabba dawn ir-restrizzjonijiet, hu kruċjali li ninċentivaw l-investimenti privati fid-difiża biex inkunu nistgħu nifinanzjaw u nxejnu r-riskji tal-proġetti komuni tad-difiża u tal-innovazzjoni fid-difiża. Kif deskritt fl-Itra tal-Missjoni tiegħi, il-ħidma intensa mal-BEI, ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħra u mal-banek privati se tkun strumentali biex jintlaħaq dan l-għan.

Hu ta' benefiċċju sinifikanti għall-industrija tad-difiża Ewropea li nwettqu bidla fil-politika tas-self tal-BEI, u li nħaddmu approċċ li jieħu riskji akbar fir-rigward tat-teknoloġija proafonda bħall-ispazju. Hekk nilliberaw il-fondi u nibagħtu sinjal tant meħtieġ lill-bqija tas-suq.

L-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIS) tipproponi azzjonijiet konkreti biex jingħelbu l-ostakli eżistenti, fosthom li tingħata gwida dwar l-applikazzjoni tal-qafas tal-finanzjament sostenibbli tal-UE għad-difiża, u li jinbeda djalogu ta' livell għoli mas-settur finanzjarju. Jien beħsiebni naħdem għal rikonossiment aħjar tas-sovrani, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-UE fi ħdan il-qafas tal-finanzjament sostenibbli.

L-EDIP propost jinkludi l-Fond biex Titħaffef it-Trasformazzjoni tal-Katina tal-Provvista, għad-Difiża (FAST), maħsub biex jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament lill-SMEs u lill-kumpaniji żgħira b'kapitalizzazzjoni medja fis-settur tad-difiża. Dawn l-isforzi, flimkien ma' promozzjoni kontinwa biex il-BEI ikompli jillimita jew ineħħi l-esklużjonijiet relatati mad-difiża mill-politiki tas-self tiegħu, se joħolqu ambjent li jappoġġa aktar lill-investment u l-innovazzjoni fid-difiża madwar l-UE.

B'perspettiva aktar fit-tul, nemmen li rridu nixprunaw b'mod sinifikanti l-investment pubbliku u privat fir-riċerka u fl-iżvilupp tad-difiża. L-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Proġetti tar-Riċerka Avanzata fid-Difiża (DARPA) tipprovdi mudell ispiranti li l-UE jeħtieġ tikkunsidra. Nistgħu nesploraw il-possibbiltà li nħaddmu approċċ simili fil-livell tal-UE, li jiffoka fuq il-proġetti tar-riċerka b'riskju kbir iżda bi gwadann kbir ukoll, u li jkollhom il-potenzjal jirrivoluzzjonaw il-kapaċitajiet tad-difiża. Inizjattiva bħal din tixpruna r-riċerka avanzata f'oqsma kritiċi, trawwem innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, u tiżgura s-sovrani teknoloġika tal-Ewropa fis-settur tad-difiża. Jekk tadotta dan l-approċċ, l-UE tista' tħaffef l-iżvilupp tat-teknoloġiji rivoluzzjonarji, tnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka bażika u l-applikazzjonijiet militari, u jibqa' jkollha vantaġġ kompetittiv fix-xenarju dinji tas-sigurtà li tant qed jevolvi malajr. Dan l-isforz jikkumplementa l-inizjattivi eżistenti tagħna u jkompli jsaħħaħ l-EDTIB.

Barra minn hekk, l-industrija tad-difiża tal-UE għandha tisetlet tagħlimiet mill-kisbiet tal-industrija spazjali tal-UE, b'mod partikolari f'oqsma bħall-iżvilupp konġunt, it-teknoloġiji mill-aktar avvanzati, l-innovazzjoni, u l-forniment tas-servizzi lill-UE kollha u lil hinn minnha. Billi nisfruttaw dawn l-esperjenzi, nistgħu nrawmu suċċessi simili fis-settur tad-difiża tagħna, kif ukoll nipromwovu l-innovazzjoni, il-kollaborazzjoni u l-awtonomija strateġika.

Fl-aħħar nett, fiż-żmien li ġej se nkunu qed infasslu l-QFP li jmiss u l-istrumenti tiegħu, u d-difiża se tkun prijorità ewlenija.

Jeħtieġ li r-riflessjoni tagħna tibda bil-ħsieb ta' "xi rridu nifinanzjaw" u tissokta fuq "kif" nistgħu nilħqu l-oġettivi tagħna u nimassimizzaw ir-riżultati fil-prattika. B'hekk, il-finanzjament tagħna jkun jista' jħalli impatt akbar.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispace, se nkun qed naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Baġit, il-Ġlieda Kontra l-Frodi u l-Amministrazzjoni Pubblika biex niżgura li dawn l-elementi jiġu kkunsidrati fit-tnejn tal-proposta tal-QFP li jmiss, mistennija għas-sena d-dieħla.

EDTIB b'saħħitha hija l-pedament ta' Unjoni tad-Difiża Ewropea. Jeħtieġ li lkoll inxammru l-kmiem biex insaħħu l-politika industrijali tal-Unjoni, u nqawwu l-appoġġ għas-settur tad-difiża billi nixħtu enfasi fuq aktar investimenti, investimenti aħjar u investimenti konġunti.